MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru. 184/2004

QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

-vs-

Matthew Masini ta' hmistax-il sena bin Francis u Elizabeth nee' Cauchi imwieled fid-29 ta' Mejju 1988 u joqghod

“Razzett tal-Bakku”, Triq San Pietru, Gharb, Ghawdex (ID. Nru. 262188M)

Illum 28 ta’ Lulju 2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-25 ta’ Jannar 2004 ghall-habta tas-1.25am f’diversi toroq f’Ghawdex inkluzi dawk ta’ Triq Hamet, Xaghra, u Triq ir-Rabat, Nadur u Triq San Leonardu, ir-Rabat, Ghawdex

1. saq karozza GBB-375 minghajr ma kien fil-pussess ta’ licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Puliizja jew mill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta (Art 15 (1)(a) Kap 65);

2. talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni (Art 3(1) tal-Kap 104);

3. talli saq il-vettura b’manjiera traskurata u perikoluza (Art 15 (1)(a) tal-Kap 65);

4. talli fl-istess data, hin u meta kien fi Triq ir-Rabat, Nadur, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti habat bil-karozza GBB 375 ma’ vettura LAA 654 u kkagunalha hsarat b’detriment ghal Lino Curmi minn Nadur Ghawdex u hsarat involontarji fuq vettura GBB 375 b’detriment ghal Elizabeth Masini mill-Gharb, Ghawdex (Art 328 d) Kap 9).

5. Talli fl-istess data, hin u fi Triq ir-Rabat, Nadur bhala xufier tal-vettura GBB 375 naqas li jieqaf u cioe’ telaq minn fuq il-post meta sehhet il-kolluzzjoni bil-vettura tieghu mal-vettura LAA 654 (Reg 67 (1) AL 234/1997 kif sussegwentement emendat).

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati.

Rat l-Artiklu 15(1a) tal-Kap 65, Art 3(1) tal-Kap 104, Art 328(d) tal-Kap 9, u r-Reg 67(1) ta' l-Avviz Legali 234/1997.

Wara li applikat l-Art 37 tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin fuq l-ewwel u t-tieni akkuza, multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq it-tielet akkuza.

Rigward ir-raba' u l-hames akkuza tapplika l-artiklu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sena.

Rigward it-talba ghas-sospensjoni tal-licenzja;

Tordna illi l-imputat ma jinghatax u ma jiksibx licenzja tas-sewqan qabel ma jaghlaq id-dsatax-il sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------